**TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR**

MALTA

**CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL**

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT/1/21/S

George Vella
Vs
Mario Fenech ezercenti l-kummerc bhala M.Fenech Jewellery

Illum 7 t'Ottubru,2021.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' George Vella pprezentata fl-14 ta'Jannar,2021. Mario Fenech ghalkemm deher ghas-seduta quddiem dan it-Tribunal, baqa' ma pprezentax risposta;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni taghhom fl-4 ta'Marzu,2021;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda ilment fuq curkett li wara xi xhur, intilfet parti minnu u r-rikorrenti talab rimedju minghand l-intimat;

Illi jinghad mal-ewwel li min jallega jrid jipprova u dan fuq l-istregwa tal-massima "*incumbit probation ei qui dicat non ei qui negat*" (ara sentenza tal-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri fl-ismijiet '*Gemma Cassar Saetta vs Imco Distributors Limited*' moghtija fit-13 ta'Jannar,1999);

Illi l-obbligu tal-prova tinkombi dejjem lil min jallega[1] u dan skont l-artikolu 562 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta'Malta;

Illi dan hu element importanti hafna fil-kamp civili u min irid jiddeciedi, irid jaghmel dan a bazi tal-provi imressqa;

[1] Ara ukoll sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (151/05SM) fid-19 ta'Jannar,2011 fl-ismijiet "*Martin Degabriele vs Melanie Borg*"

Illi dan kollu citat japplika ghall-kaz odjern;

Illi t-Tribunal jinnota li kien wara diversi xhur li inxtara dan ic-curkett li r-rikorrenti induna li parti minnu intilfet;

Illi ma tressqet ebda prova mir-rikorrent li t-telfa ta'parti mic-curkett kienet tort tal-intimat;

Illi fir-rigward tal-ircevuta tal-VAT, ir-rikorrent jista' jaghmel rapport fid-dipartiment appozitu f'kaz li ma inghatax ircevuta skont il-ligi;

Illi dan it-Tribunal ihoss li mill-provi mressqa, r-rikorrent ma rnexxilux jipprova dak minnu allegat;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jichad it-talba ta' George Vella filwaqt li Jilqa' s-sottomissjoni ta' Mario Fenech ezercenti l-kummerc bhala M.Fenech Jewellery, b'kull parti thallas l-ispejjez taghha ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru